MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Numru 748/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR SIMON GALEA**
**SPETTUR N. CUTAJAR**

**VS**

**RODNEY VELLA**

**Illum 28 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rodney Vella ta’ 23 sena, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Settembru 1979 bin Nazzareno u Antoinette nee’ Scicluna u residenti Blk 3, Entrance B, Number 8, Triq is-Salvatur Kalkara, bil-karta ta’’l-Identita’’numru 370079M;

Talli fit-22 ta’ April 2000, f’xi hin wara nofs-inhar minn gewwa l-Fgura:

1) Seraq arma tan-nar tat-tip shotgun Browning bin-numru serjali 78758/69 u munizzjon liema serq huwa aggravat bil-valur u lok u ghad-detriment ta’ Joseph Zahra;

2) Kif ukoll fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3) Talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu arma tan-nar u munizzjon barra fond jew post li jaghmel mieghu.

Wara illi rat l-Artikoli 261 et tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 3(1)(a) tal-Kapitolu 66 ta’ L-Ordinanza dwar l-armi;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-sentenza ma' ghandhix

tibda ssehh, hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------